XEWKIJA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Xewkija**

**Laqgħa Nru. *50/2016***

Data: Il-Gimgħa, 22 ta' Lulju 2016

Ħin: 5.30 pm

Post: Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

---

Preżenti: *Sur Paul Azzopardi – Sindku*
*Sur Domenic Zerafa – Viċi Sindku*
*Sra Jeanelle Attard – Kunsilliera*
*Sur George Zammit – Kunsillier*
*Sur Hubert Saliba - Kunsillier*

*Sna Odette Camilleri – Agent Segretarju Ezekuttiv*

Skużati: n/a

Assenti: n/a

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni mis-Sindku;
4. Korrispondenza;
5. Ħatra ta' persuna fil-bord ta' l-għażla għal post ta' Seg. Eżekuttiv;
6. Offerta tal-knis;
7. Devoluzzjoni;
8. Fiori d'Arġenta;
9. Materji oħra
10. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
11. Aġġornament.

## 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

1.1 Il-Minuti tal-laqgħa 49/2016 ġew approvati u ffirmati fil-preżenza tal-membri.

## 2. Punti mqajma mill-Minuti

2.1 Ma tqajmu ebda punti mill-minuti

## 3. Komunikazzjoni mis-Sindku

3.1 Is-Sindku nforma lil preżenti illi l-proġett ta' Blankas jinsab magħluq. Il-Kunsill ġie mogħti l-provista' tad-dawl u l-ilma fil-latrini pubbliċi. Il-Kunsill ukoll applika taħt l-ERDF għas-sistema solari u l-*interpretation centre*. Is-Sindku propona sabiex l-Kunsill jiprova jiġbor l-fondi ta' tlett snin li ġejjin mill-Green PAK u jagħmel proġett holistiku f'Ta' Blankas. Il-membri qablu. *Progett ta' Blankas*

3.2 Is-Sindku nforma lil membri preżenti illi l-offerta ta' l-*urban greening* ser tagħlaq fit-12 t'Awwissu 2016. *Urban Greening*

3.3 Gie ffirmat l-kuntratt għal xogħol ta' bankini ma A & M Mintoff. Il-membri qablu illi kemm jista' jkun, l-materjal għal bankini jintalab lil Gvern Centrali sabiex l-Kunsill ma jaqbizx l-*budget*. *Bankini*

3.4 Rigward il-bankini ta' Triq il-Ħamrija, s-Sindku nforma lil membri illi fl-aħħar seduta, l-maġistrata talbet laqgħa bejn l-Kunsill u l-Kuntrattur fejn ġie miftieħem illi l-Kunsill ser jimxi mal-BOQ tal-Perit Clint Camilleri u qegħdin fi proċess ta' diskussjoni. Il-membri qablu. *Bankini Triq Hamrija*

3.5 Is-Sindku informa lil Kunsilliera sabiex l-Kunsill jibda' jaħseb fuq iċ-ċerimonja tal-Ftuħ tal-Latrini ta' Blankas kif ukoll tal-Latrini tal-Pjazza. *Latrini*

3.6 Is-Sindku spjega illi l-Librerija ser issir *learning* hub timxi għal post ieħor u ssir parti mill-*Learning Hub*. Kompla jgħid illi ser tinbidel l-istruttura minn ġewwa u ukoll la jimxu aktar l-quddiem l-affarijiet jiġi ffirmat ftehim. *Learning Hub*

## 4. Korrispondenza

4.1 Emejl minngħand resident fl-inħawi Ta' Gokk fejn qed jilmenta illi ż-żibel tad-djar qed jitpoġġa f'kantuniera. Il-membri qablu li għandha tintbgħat ittra lir-residenti f'dan ir-rigward. *Zibel inhawi ta' Gokk*

4.2 Emejl minngħand resident fi Triq l-Indipendenza fejn ilmenta li xi residenti qed jitfgħu iż-żibel f'Misraħ l-Indipendenza. Il-membri qablu li għandha tintbgħat ittra f'dan ir-rigward. *Zibel Triq Indipendenza*

4.3 Il-membri qablu li l-Kunsill joħroġ il-permessi meħtieġa sabiex issir l-ikla ta' l-armar fi Triq Indipendenza. Qablu wkoll li għandu jitqabbad is-Sur Mario Borg għal din is-serata. *Permessi ikla Armar*

4.4 Ittra minn Transport Malta fejn il-membri approvaw li jsiru *EV Charging Points* fi Triq il-Hamrija fejn ic-Centru LEAP. *EV Charging Points*

4.5 Il-membri qablu li l-Kunsillier Hubert Saliba għadu jkun r-rappreżentant tal-Kunsill fl-iffirmar ta' l-att notarili ta' Fondazzjoni Gozo Action Group. *GAGF*

4.6 Rigward ittra mibgħuta mill-Arkivju Nazzjonali Għawdex – il-membri qablu li l-Kunsill għandu jieħu sehem f'esebizzjoni b'ritratti meħuda tan-Niċċa ta' Santa Katerina u tan-Niċċa ta' San Gwann Battista fi Triq Katerina u tan-Niċċa tad-Duluri fi Triq Indipendenza u dan għal prezz ta' €25. *Arkivju Nazzjonali Għawdex*

4.7 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri illi l-Kumitat għal Ismijiet tat-Toroq għal Għawdex ma qabilx li t-triq bla isem f'Ta' Gokk tissemma' għas-Surmast Joseph J. Vella u għalhekk reġgħu issugerixxew li din it-Triq tissemma Triq Antonio Saliba – Matematiku u Astronomu. Il-membri qablu. *Kumitat Ismijiet tat-Toroq*

4.8 Emejl minngħand ir-Reġjun t'Għawdex fejn infurmaw lil Kunsill sabiex jinbidel l-arblu fi Triq ta' Xħajma. Il-membri qablu li għandu jinġabar ir-rapport tal-Pulizija u l-Kunsill jitkellem ma l-individwu li ħabat ġo fih sabiex iħallas l-ispejjes hu. *Arblu perikoluz Triq ta' Xhajma*

4.9 Cirkulari Nru 9/2016 – Inizjattiva dwar Restawr ta' Postijiet Storiċi 2016. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu japplika għar-restawr tas-Salib tal-Pjazza kif ukoll għan-niċċa ta' Santa Katerina u l-Kampnar tal-Kappella tal-Ħniena. Is-Sur Saliba propona li issir talba ukoll lil Ministeru għal Għawdex għal għajnuna kif ukoll jiġi iċċekjat mad-Dipartiment għal Gvern Lokali jistgħux ir-restawr jamalgamawh ma Wirt Għawdex. Il-membri qablu. *Inizjattiva Restawr ta' Postijiet Storici 2016*

## 5. Ħatra ta' persuna fil-bord ta' l-għażla għal post ta' Seg. Eżekuttiv

5.1 Il-membri qablu li għandu jitqabbad l-Ex. Aġent Seg. Eżekuttiv Ruben Cassar bħala s-Segretarju tal-Bord. *Bord tas-Seg. Ezekuttiv*

## 6. Offerta tal-Knis

6.1 Wara votazzjoni bejn il-membri ġie maqbul illi l-offerta tal-Knis għandha tingħata lil Xewkija Tigers FC peress li l-offerant Nicholas Zammit ma provdiex kopja tal-*logbook* tal-vettura li ser tintuża ma l-offerta kif kien hemm stipulat. Fuq proposta tas-Sinjura Attard il-membri qablu li għandha ssir laqgħa max-Xewkija Tigers sabiex issir *roaster* ta' kif ser jiġu mnaddfa it-toroq.

## 7. Devoluzzjoni

7.1 Is-Sindku nforma lil membri illi wara li ġiet approvata d-devoluzzjoni tal-fond fi Triq Santa Katerina mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, issa l-Kunsill qed jistenna l-approvazzjoni tad-Dipartiment ta' l-Artijiet. *Devoluzzjoni Fond Triq Santa Katerina*

*Fis-6.50 ta' fil-għaxija l-Kunsilliera George Zammit u Jeanelle Attard skużaw ruħhom u ħarġu mill-Kamra. Il-laqgħa tkompliet.*

## 8. Fiori d'Argenta

8.1 Is-Sindku nforma lil preżenti illi kellu laqgħa ma' l-Arċipriet u s-Segretarju tal-Każin tal-Banda sabiex Fiori d'Arġenta tiġi amalgamata ma Qtugħ ir-Ras ta' San Gwann. Għal dan il-għan il-membri qablu li din l-attivita' ssir fis-27 u t-28 t'Awwissu 2016 iżda qabel tintalab l-approvazzjoni tad-Dipartiment għal Gvern Lokali sabiex id-dati jinbidlu mit-3 u l-4 ta' Settembru 2016. Is-Sindku propona illi s-sena d-dieħla Fiori d'Argenta tieħu spinta differenti fejn issir operetta mużikali għol Knisja fuq l-istorja ta' San Gwann u propona li dan l- *Fiori d'Argenta*

avveniment isir f'Meiju. Il-membri qablu unanimament.

## 9. Materji Oħra

9.1 Ilment minn residenti sabiex Triq Haġret l-Armi fil-parti t'isfel tiġi imnaddfa mit-trab peress li dan qed jinġarr hemm kull darba li tagħmel ix-xita. Gie deċiż li jintbgħatu l-ħaddiema tal-Kunsill.

*Ilment Triq Haġret l-Armi*

9.2 Is-Sindku talab sabiex tiġi maqtugħa mill-ħaxix u miknusa mit-trab Triq Sansun. Gie deċiż li jintbgħatu l-ħaddiema tal-Kunsill.

*Triq Sansun*

9.3 Il-membri qablu sabiex il-latrini ta' Blankas u ta' Gnien il-Ħaddiem jinfetħu għal pubbliku u l-Għaqda Dilettanti tan-Nar jibdew jieħdu ħsiebhom għal €100 fix-xahar it-tnejn li huma.

*Latrini Blankas u Gnien il-Ħaddiem*

9.4 Is-Sindku propona sabiex issir bozza ġdida fi Triq Buqqari. Il-membri qablu li għandha ssir.

*Bozza ġdida Triq Buqqari*

9.5 Il-membri qablu illi għandhom jinbidlu l-pjanti ta' Triq Widnet il-Baħar u l-pjanti tal-pots ta' Wara l-Knisja. Is-Sur Joseph Bezzina għandu jieħu ħsieb dawn.

*Pjanti*

9.6 Is-Sur Saliba propona sabiex isir *double yellow line* maz-*zebra crossing* tal-Pjazza peress illi l-karozzi qed jipparkjaw qrib ħafna. Il-membri qablu.

*Sinjali tat-traffiku*

9.7 Il-Viċi Sindku propona sabiex issir talba lil Ministeru għal Għawdex biex Triq il-Ħamrija terġa tiġi miksija bit-tarmac.

*Triq Hamrija*

9.8 Il-Viċi Sindku propona sabiex tiġi organizzata dawra lil Anzjani tal-lokalita' fuq iċ-Ċittadella. Il-membri qablu.

*Anzjani*

9.9 Il-membri qablu li l-Bord ta' Evalwazzjoni għal offerta ta' l-*Urban Greening* ser ikun magħmul mis-Sindku bhala *Chairman,* evalwaturi Perit Joseph Stellini, Joseph Spiteri tekniku mid-Dipartiment ta' l-Agrikultura u William Sultana, l-A. Seg. Eżekuttiv tkun is-Segretarju tal-Bord.

*Offerta Urban Greening*

## 10. Approvazzjoni tal-pagamenti

10.1 Iċ-ċedola ta' pagamenti ġiet approvata u ffirmata.

## 11. Aġġornament

10.1 Il-laqgħa ntemmet fit-7.55 ta' filgħaxija. Laqgħa oħra ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 31 t'Awwissu 2016 fil-5.30 ta' filgħaxija.

**IFFIRMATA**
***Paul Azzopardi***
*Sindku*

**IFFIRMATA**
***Odette Camilleri***
Aġent *Segretarju Eżekuttiv*

Data: ***31 t'Awwissu 2016***

Kunsill Lokali: Xewkija

Skeda Nru. 11-50

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** 10/06/16 - 31/07/16

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Employee 1 | €1,122.38 | €1,122.38 | | FP | honoraria for month of June 2016 | 24-06-16 | | | | | 12001 |
| 2 | Employee 2 | €1,783.52 | €1,783.52 | | FP | salary for month of June 2016 | 24-06-16 | | | | | 12002 |
| 3 | Employee 3 | €1,300.10 | €1,300.10 | | FP | salary for month of June 2016 | 24-06-16 | | | | | 12003 |
| 4 | Employee 4 | €228.57 | €228.57 | | FP | salary for month of June 2016 | 24-06-16 | | | | | 12004 |
| 5 | Employee 5 | €480.00 | €480.00 | | FP | allowance June 2016 | 24-06-16 | | | | | 12005 |
| 6 | Employee 6 | €480.00 | €480.00 | | FP | allowance June 2016 | 24-06-16 | | | | | 12006 |
| 7 | Employee 7 | €480.00 | €480.00 | | FP | allowance June 2016 | 24-06-16 | | | | | 12007 |
| 8 | Employee 8 | €480.00 | €480.00 | | FP | allowance June 2016 | 24-06-16 | | | | | 12008 |
| 9 | Employee 9 | €732.23 | €732.23 | | FP | salary for month of June 2016 | 24-06-16 | | | | | 12009 |
| 10 | CIR | €2,130.92 | €2,130.92 | | FP | contributions month of June 2016 | 24-06-16 | | | | | 12010 |
| 11 | Salvu Haber | €315.00 | €315.00 | D | FP | insurance Tigrija taz-Zwiemel | 24-06-16 | | | | | 12011 |
| | **Sub Total c/f** | **€9,532.72** | **€9,532.72** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€9,532.72** | **€9,532.72** | | | | | | | | | |

Approvati fis-Seduta Nru: 50

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data: 10/06/16 - 31/07/16**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 12 | Loadngo Transport | €8.00 | €8.00 | D | FP | courier services | 25-01-16 | 2015 | | | | 12022 |
| 13 | Philip Piosani | €450.00 | €450.00 | K | FP | hire of truck | 30-06-16 | 8951 | | | | 12023 |
| 14 | Arms Ltd | €567.17 | €567.17 | | FP | Hlas Public Conv Soil Street | 20-07-16 | 48 | | | | 12024 |
| 15 | Radu Cheorghe | €247.80 | €247.80 | K | FP | general fitness lessons | 13-06-16 | 48 | | | | 12025 |
| 16 | Radu Cheorghe | €247.80 | €247.80 | K | FP | aerobics | 13-06-16 | 49 | | | | 12026 |
| 17 | Jacqueline Refalo | €80.00 | €80.00 | D | FP | tindif ufficcju/librerija | 10-06-16 | 3961 | | | | 12027 |
| 18 | Toolmart | €52.70 | €52.70 | D | FP | supplies | 13-06-16 | 11652 | | | | 12028 |
| 19 | Parker Randall Turner | €247.80 | €247.80 | T | FP | accountancy services | 04-06-16 | 6006015 | | | | 12029 |
| 20 | Joseph Caruana | €21.50 | €21.50 | D | FP | supplies | 13-06-16 | 191340 | | | | 12030 |
| 21 | Hilite | €195.08 | €195.08 | D | FP | sundry materials | 14-06-16 | | | | | 12031 |
| 22 | Socjeta Filarmonika Prekursur | €800.00 | €800.00 | D | FP | servizz programm muzikai | 24-06-16 | VO/0308 | | | | 12032 |
| | **Sub Total c/f** | **€2,917.85** | **€2,917.85** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€9,532.72** | **€9,532.72** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€12,450.57** | **€12,450.57** | | | | | | | | | |

Approvati fis-Seduta Nru: 49

D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.

Sindku — Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier — Kunsillier

**Kunsill Lokali: Xewkija**

**Skeda Nru. 11-50**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data: 10/06/16 - 30/07/16**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 23 | Fantin Metal Works | €900.00 | €900.00 | D | FP | works | 05-06-16 | 2299 | | | | 12033 |
| 24 | Strand Electronics Ltd | €36.58 | €36.58 | T | FP | leasing charges May 2016 | 27-05-16 | 352100 | | | | 12035 |
| 25 | Go plc | €48.86 | €48.86 | | FP | rental charges | 07-06-16 | 40443916 | | | | 12036 |
| 26 | Emergency Response & Rescue | €100.00 | €100.00 | D | FP | ambulance service | 11-05-16 | 1452 | | | | 12037 |
| 27 | Connect | €8.50 | €8.50 | D | FP | services | 24-06-16 | XEW01 | | | | 12038 |
| 28 | St John Food Store | €94.48 | €94.48 | D | FP | supplies | 14-06-16 | 1896 | | | | 12039 |
| 29 | Mr Signs | € 360.00 | € 360.00 | D | FP | stickers | 17-06-16 | 634 | | | | 12040 |
| 30 | Mario Zammit | €28.00 | €28.00 | D | FP | sundry material | 24-06-16 | 98 | | | | 12041 |
| 31 | Socjeta Filarmonika Prekursur | €170.00 | €170.00 | D | FP | Reklam Ktieb | 20-06-16 | 12525 | | | | 12042 |
| 32 | Joseph Bezzina | €145.00 | €145.00 | D | FP | photos & film editing | 24-06-16 | 19,20 | | | | 12043 |
| 33 | Joseph Grima | €290.00 | €290.00 | D | FP | updating website | 24-06-16 | 23 | | | | 12044 |
| 34 | Petty Cash | €200.00 | €200.00 | D | FP | petty cash | 22-07-16 | | | | | 12045 |
| 35 | Maltapost plc | €52.00 | €52.00 | D | FP | bolli | 22-07-16 | | | | | 12046 |
| 36 | Marjanu Zammit | €8.00 | €8.00 | D | FP | petrol | 24-06-16 | A7790 | | | | 12047 |
| 37 | Monica Mercieca | €394.88 | €394.88 | D | FP | librarian services June 2016 | 24-06-16 | 6 | | | | 12048 |
| 38 | Ghaqda Dilettanti tan-Nar | €250.00 | €250.00 | D | FP | insurance | 24-06-16 | | | | | 12049 |
| | **Sub Total c/f** | **€3,086.30** | **€3,086.30** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€12,450.57** | **€12,450.57** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€15,536.87** | **€15,536.87** | | | | | | | | | |

Approvati fis-Seduta Nru: 50

D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.

Sindku

Kunsillier

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

**Kunsill Lokali Xewkija** **Skeda Nru 11-50**

**Data: 01/04/2015 - 30/04/2015**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 39 | Hilite | €32.82 | €32.82 | D | FP | materjal | 24-06-16 | 7104 | | | | 12050 |
| 40 | Galea Curmi Eng Ltd | €88.40 | €88.40 | T | FP | contract manager fee June 2016 | 24-06-16 | KLLXE01ċ | | | | 12051 |
| 41 | RA & Sons | €64.87 | €64.87 | D | FP | recoat Primer Sil | 29-02-16 | 21496 | | | | 12052 |
| 42 | Jacqueline Refalo | €80.00 | €80.00 | D | FP | Tindif librerija / ufficcju | 24/06/016 | 3962 | | | | 12053 |
| 43 | Strand Electronics Ltd | €15.93 | €15.93 | T | FP | copy charge | 18-05-16 | 351811 | | | | 12054 |
| 44 | Reno Rapa | €75.00 | €75.00 | D | FP | Jum ix-Xewkija photos | 14-06-16 | 352100 | | | | 12055 |
| 45 | St John Food Store | €78.44 | €78.44 | D | FP | food supplies | 24-06-16 | 172 | | | | 12056 |
| 46 | Compass Group Ltd | €152.83 | €152.83 | T | FP | insurance for truck | 14-06-16 | 23066 | | | | 12057 |
| 47 | Anthony Xuereb | €318.00 | €318.00 | D | FP | bulky refuse service | 02-06-16 | 06/2016 | | | | 12058 |
| 48 | KIP | €2,478.25 | €2,478.25 | T | FP | refuse collection June 2016 | 30-06-16 | 21418 | | | | 12059 |
| 49 | Ozone Ltd | €128.08 | €128.08 | T | FP | telephone bill | 30-06-16 | 121634 | | | | 12060 |
| | **Sub Total c/f** | **€3,512.62** | **€3,512.62** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€15,536.87** | **€15,536.87** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€19,049.49** | **€19,049.49** | | | | | | | | | |

Approvati fis-Seduta Nru: 50

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

**Kunsill Lokali: Xewkija**

**Skeda Nru. 11-50**

**Data:** **10/06/16 - 30/07/16**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 50 | Xewkija Tigers FC | €923.81 | €923.81 | T | FP | street cleaning services | 20-06-16 | XEW053 | | | | 12061 |
| 51 | Vella Bros Ready Mix Ltd | €113.28 | €113.28 | D | FP | concrete | 16-06-16 | 14357 | | | | 12062 |
| 52 | Arms Ltd | €40.14 | €40.14 | | FP | electricity ta Gokk Playing Field | 19-07-16 | 22488852 | | | | 12063 |
| 53 | Refalo Signs | €33.04 | €33.04 | D | FP | sign factory exit | 19-07-16 | 16-1168 | | | | 12064 |
| 54 | Xewkija Tigers FC | €923.81 | €923.81 | T | FP | street cleaning services July 2016 | 18-07-16 | XEW054 | | | | 12065 |
| 55 | Ta' Lourdes Garage | €1,342.00 | €1,342.00 | T | FP | minibus service for school children | 11-07-16 | 112 | | | | 12066 |
| 56 | Strand Electronics Ltd | € 58.32 | € 58.32 | T | FP | leasing & copy charges | 30-06-16 | 353,001,353,691 | | | | 12067 |
| 57 | Hilite | €50.10 | €50.10 | D | FP | sundry material | 19-07-16 | | | | | 12068 |
| 58 | Gatt Enterprises Ltd | €48.09 | €48.09 | D | FP | supply of sand | 22-06-16 | 1602 | | | | 12069 |
| 59 | Mr Signs | €35.00 | €35.00 | D | FP | logos for truck | 12-07-16 | 640 | | | | 12070 |
| 60 | Fantin Metal Works | €100.30 | €100.30 | D | FP | weldings and pipes | 08-07-16 | 2292 | | | | 12071 |
| 61 | P & J Debono Cons Ltd | €69.33 | €69.33 | D | FP | fee to issue permit insurance & license | 30-06-16 | 18740 | | | | 12072 |
| 62 | Alberta | €74.30 | €74.30 | K | FP | maintenance alarm | 13-07-16 | 106551 | | | | 12073 |
| 63 | Island Tech | €105.75 | €105.75 | D | FP | stationery | 11-07-16 | | | | | 12074 |
| 64 | Joseph Caruana | €783.52 | €783.52 | D | FP | pipes for street | 10-06-16 | 191192 | | | | 12075 |
| 65 | Radu Gheorghe | €693.84 | €693.84 | D | FP | physical activities | 13-06-16 | | | | | 12076 |
| | **Sub Total c/f** | **€5,394.63** | **€5,394.63** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€19,049.49** | **€19,049.49** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€24,444.12** | **€24,444.12** | | | | | | | | | |

Approvati fis-Seduta Nru: 50

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Sindku

Kunsillier

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

**Kunsill Lokali: Xewkija**

**Skeda Nru. 11-50**

**Data: 10/06/16 - 30/07/16**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 66 | DOI | €9.32 | €9.32 | D | FP | advert on Govt Gazzette re vacancy Exec. Sec | 15-07-16 | | | | | 12077 |
| 67 | Dept for Local Govt | €45.00 | €45.00 | D | FP | advert on Times re vacancy Exec. Sec | 15-07-16 | | | | | 12078 |
| 68 | Employee 1 | €482.38 | €482.38 | | FP | honoraria for month of July 2016 | 22-07-16 | | | | | 12079 |
| 69 | Employee 2 | €1,682.42 | €1,682.42 | | FP | salary for month of July 2016 | 22-07-16 | | | | | 12080 |
| 70 | Employee 3 | €1,355.22 | €1,355.22 | | FP | salary for month of July 2016 | 22-07-16 | | | | | 12081 |
| 71 | Employee 4 | €228.57 | €228.57 | | FP | salary for month of July 2016 | 22-07-16 | | | | | 12082 |
| 72 | Comm of Inland Revenue | € 1,391.52 | € 1,391.52 | | FP | contribution for month of July 2016 | 22-07-16 | | | | | 12083 |
| 73 | Anthony Xuereb | €252.00 | €252.00 | D | FP | bulky refuse collection July 2016 | 22-07-16 | | | | | 12084 |
| | **Sub Total c/f** | **€5,446.43** | **€5,446.43** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€24,444.12** | **€24,444.12** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€29,890.55** | **€29,890.55** | | | | | | | | | |

Approvati fis-Seduta Nru: 50

D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.

Sindku

Kunsillier

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier